**Qorti tal-Appell Kriminali**

**(sede Inferjuri)**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 488/2017**

**Il-Pulizja**

**Spettur Nicholas Vella**

**Vs**

**Anthony D'Alfonso**

**Illum id-29 ta' Novembru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anthony D'Alfonso detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 633554M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

**Fit-13 ta' Jannar 2017 ġewwa dawn il-ġżejjer minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, w li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġiew magħmula b'rizoluzzjoni waħda fixkel lil Jane D'Alfonso fil-pussess ta' hwejjiġha u/jew b' xi mod iehor kontra**

**l-liġi indaħal fi ħwejjeġ ta' Jane D'Alfonso. Dan billi biddel is-serratura tal-Fond, ossia Boat House fl-indirizz 13/14/15, Ta' Mecca l-Armier u konsegwentement ċaħħadha mill-aċċess ta' l-istess fond u għall-ħwejjeġ li jinsabu ġewwa l-istess fond u dan sabiex iġegħla bl-awtorita tagħha nnifisha, li toqgħod għar-rieda tiegħu;**

**Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' ħtija tordna t-tneħħija ta' kull disordni jew inkonvenjent li biħ ikun sar ir-reat, jew li tordna lill-akkużat sabiex jikkonferma ruħu mal-liġi fi żmien mogħti lilu taħt dik il-penali li jogħġobha timponi l-Qorti fin-nuqqas u dan ai termini tal-Artikolu 85(2) tal-Kap 9 u l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Novembru, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali ddikjarat lill-imputat Anthony D'Alfonso ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza u dan ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Di piu l-ewwel Qorti ordnat ukoll lil Anthony D'Alfonso sabiex, ai termini tal-artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali, fi ħmistax(15)-il ġurnata mil-lum jagħti aċċess lil Jane D'Alfonso għall-bieb u għall-garage tal-boathouse 13/14/15, ta' Mecca, Armier u dan billi jagħti ċavetta tas-serraturi tal-istess bibien u jneħħi kull ħaġa li qiegħda tostakola tali aċċess. Fin-nuqqas li l-imputat jagħmel dak lilu ordnat fl-ewwel sentenza fit-terminu mogħti, jibdew jiddekorru penali ta' għaxar Ewro (€10) kuljum għal kull ġurnata ta' ritard sakemm Jane D'Alfonso jkollha aċċess sħiħ għall-imsemmija boathouse.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Anthony D'Alfonso, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Novembru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-14 ta'

Novembru 2017 fl-simijiet premessi fejn l-appellant instab ħati tal-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu u għaldaqstant tilliberaħ minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanta huma cari u manifesti u jikkonsistu fil-qosor mis-segwenti:

1. L-ewwel Qorti ma kelliex fuq xiex issib ħtija tar-reat in kwistjoni fil-konfront tal-imputat u dan peress li l-provi tal-prosekuzzjoni ma jwasslux sal-grad rikjest fil-kamp penali u allura dan kellu iwassal ghal liberazzjoni tieghu. F'din il-kawża xehdet biss Jane D'Alfonso fejn matul ix-xhieda tagħha f'ebda hin ma ndikat li hi rat jew li kellha prova konvinċenti li kien fil-fatt l-appellant li biddel is-serratura in kwistjoni iżda bbażat ruħha biss fuq suspetti tagħha li kien hu li għamel dan it-tibdil. B'hekk ix-xiehda tagħha hija biss konġettura u mhux ibbazata fuq provi konkreti li jistgħu jwasslu għas-sejbien ta' ħtija. Ergo l-ewwel Qorti bbażat is-sentenza tagħha fuq spekulazzjoni u l-prosekuzzjoni ma ġabet l-ebda prova konkreta kif rikjest fil-kamp penali. L-ewwel Qorti ma setgħet qatt tkun moralment konvinta mill-provi prodotti dwra ir-reita' tal-appellant. Ghal kuntrarju Skont l-appellant il-Qorti kellha tikkonkludi li kienet fil-fatt il-parte ċivile li wettqet dan ir-reat.
2. L-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti tar-reat ta' raggion fattasi hija waħda żbaljata u dan peress li jonqsu l-elementi ravviżati fil-ligi. Stqarr ukoll li dawn l-elementi mhumiex alternattivi għal xulxin u iridu jirrizultaw kollha. Skont l-appellant fil-każ *de quo*, l-ewwel element ta' dan ir-reat huwa totalment nieqes. Irid jirriżulta li l-kwerelanta kienet fil-pussess attwali tal-fond in kwistjoni u jekk l-appellant tabilħaqq nehhiex dak il-pussess u konsegwentement ċaħħad lill-parti leża mit-tgawdija tal-istess. Kwindi l-ewwel Qorti

kellha tara jekk l-appellant verament ipprivax lil Jane D'Alfonso mit-tgawdija tal-pussess ta' din il-proprjeta'' immobbli. L-ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li l-elementi tar-raggion fattasi ġew sodisfatti f'dan il-każ u dan peress li Jane D'Alfonso kienet ilha żmien twil ma taċċedi f'dan il-fond kif jirrizulta mix-xhieda tagħha stess.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi in atti jirrizulta illi nhar it-13 ta' Jannar 2017, Jane D'Alfonso, mart l-appellant, ippruvat taccedi ghal fond Boat House fl-indirizz 13/14/15 ta' Mecca, l-Armier, proprjeta' akkwistata matul iż-żwieġ bejn il-partijiet, izda hi ma rnexxiliex tiftaħ bic-cavetta li kellha fil-pussess taghha peress li kienet inbiddlet is-serattura ta' din il-proprjeta' mingħajr ma kienet giet infurmata ghaldaqstant u mingħajr l-awtorizazzjoni tagħha. Il-parti leza indikat lill-pulizija li kien zewgha l-appellant li kien biddel is-serratura tal-fond.[1]. Jidher li l-pulizija kienu għamlu tentattiv sabiex jikkomunikaw mal-appellant iżda kull tentattiv kien falla u sussegwentement inħarġu l-akkużi relattivi.

Illi l-unika prova li hemm fl-atti tinsab fix-xiehda ta' Jane D'Alfonso u ir-ritratti minnha esebiti kif ukoll ohrajn esebiti mid-difiza flimkien mar-rapport tal-pulizija. D'Alfonso tishaq illi kien l-appellant li biddel is-serratura tal-*boathouses* mertu ta' din il-vertenza u dan ukoll ghaliex huwa kien diġa biddel serraturi ta' proprjetajiet ohra appartenenti lilhom mingħajr il-kunsens jew għarfien tagħha. Hi assumiet li kien hemm katnazz minn ġewwa peress li meta daħħlet iċ-ċavetta fis-serratura din ma nfetħitx u l-bieb ma kellux katnazz minn barra. Spjegat ukoll li mill-garaxx tista' tinfed għall-ġol kmamar l-oħra. Mistqosija

[1] Folio 19 u 21 tal-atti proċesswali.

kemm kienet ilha ma titla′ qabel il-jum indikat fl-akkuza qalet li kienet marret tittawwal madwar 6 xhur qabel iżda ma kinitx daħħlet ġewwa. Spjegat li kemm hi kif ukoll l-appellant biss kellhom aċċess ghal dawn l-ambjenti. Hi filfatt kienet tqatta′ s-sajf hemmhekk ma′ uliedha. Tishaq illi l-appellant kellu l-aċċess tal-garaxx u tal-bieb tal-kamra.

Tammetti illi kienet ilha ma tidħol f′dawn il-boathouses sa mis-sena 2003 ghalkemm ġieli marret meta tkun fl-akwati biex tuża l-kamra tal-banju. Ma setatx tagħti data preċiża ta′ meta daħlet għal dan il-għan.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tan-natura tal-aggravji mqajjma, tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta′ din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[2].

---

[2] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta'

In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat[3].

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant jinsab akkuzat bir-reat mahsub fl-artikolu 85 taI-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe' dak ir-reat hekk imsejjah tar-*ragion fattasi*. Illi kif ġie stabbilit minn ġurisprudenza kopjuza, l-elementi ta' dan ir-reat huma s-segwenti:

**a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;**
**b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;**
**c)ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;**
**d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;**

---

Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[3] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

**Inoltre, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja kellu[4].**

Issa minn jikkometti r-reat ta' raggion fattasi ma jistax jiġi skużat minħabba l-fatt li hu għandu titolu fuq l-oġġett jew fuq il-proprjeta' li qed jippretendi d-dritt fuqha. Ir-reat jista' jissusisti f'kaz fejn il-vittma ikollu sempliċi pussess jew detenzjoni tal-oġġett kif ukoll sempliċiment meta persuna jkollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-ħaġa jew il-proprjeta' u li hi ma tkunx tista tkompli b'dan l-użu jew tgawdija minħabba l-azzjoni ta' min ikommetta r-reat. Difatti fil-każ fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bongailas[5], il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat:

> **"L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-proprjeta" taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.**
>
> **Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni."**
>
> **"Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie**

[4] Pulizija vs Anthony Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn Pulizija vs Mario Bezzina, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Michael Lungaro, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Seded Inferjuri kif ippreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003u Pulizija vs Eileen Said deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 taż Ġunju 2002.

[55] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22.10.2001.

**ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati."**

**" id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le la pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu'[6]."**

Ikkunsidrat

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, il-*parte civile* kellha *de minimis* il-jedd ta' tgawdija fuq il-post in kwistjoni bhala ko-proprjetarja flimkien mal-appellant, tant illi f'ebda mod ma ġie kkontestat li hi kienet tuża l-imsemmi fond bħala villeġjatura almenu sas-sena 2003 li jfisser ukoll indubjament li hi kellha aċċess għall-fond in kwistjoni tant illi skont dak li xehdet kienet anki ġieli tagħmel użu mill-faċilitajiet tal-kamra tal-banju f'dan il-fond meta kienet tkun fl-akwati u dan anki wara s-sena 2003.

Issa fil-fehma tal-appellant il-fatt li l-parti leza kienet ilha ma tuża l-fond iwassal sabiex hi tilfet il-jedd ta' pussess fuq l-istess proprjeta'. Madankollu din il-Qorti ma taqbel assolutament xejn ma din l-ipotezi. Il-fatt waħdu li l-parte ċivile kellha ċ-ċwievet tal-fond in kwistjoni fid-data mertu ta' dan il-każ u f'ebda mod ma ġiet infurmata bit-tibdiliet li saru fis-serratura huwa bizzejjed sabiex il-Qorti tiddeduċi li l-jedd li kellha l-parte ċivile ghat-tgawdija u l-pussess kien għadu viġenti u dan indipentement tal-fatt li setgħet kienet ilha ma taċċedi b'suċċess ġol-fond in kwistjoni. Mhux biss izda dan il-jedd ta' tgawdija fil-kwalita' taghha

[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.

ta' ko-proprjetarja tal-fond ma ifissirx illi jkun intilef minhabba li l-uzu li taghmel tal-istess ikun wiehed sporadiku. Illi kif gie deciz:

> **"Il-ko-possessuri ta' oggett ghandhom - sakemm ma jigix miftiehem jew ordnat mod iehor minn awtorita' kompetenti, jew sakemm mhux ipprovdut mod iehor fil-ligi - drittijiet ta' tgawdija indaqs fuq dak l-oggett. L-istess jinghad ghall-koproprjetarji: dawn ghandhom drittijiet indaqs fuq l-oggett u, kif jipprovdi espressament l-artikolu 491 (b) tal-Kodici Civili, ghalkemm kull wiehed mill-koproprjetarji jista' jinqeda bil-hwejjeg in komun, dan ma jistax jaghmlu "b'mod li ma jhallix lill-koproprjetarji l-ohra jinqdew biha in komun skont il-jeddijiet taghhom[7]".**

Finalment l-fatt li l-*parte ċivile* ma ratx b'għajnejha lill-appellant ibiddel din is-serratura ma iwassalx necessarjament ghal liberatorja tal-appellant. Dan ghaliex jidher illi t-tnejn minn nies li kellhom cavetta, u kwindi access ghal dan il-fond, kienu biss il-parti leza u l-appellant. Ma jidhirx illi kien hemm xi sgass fil-bieb tant illi din il-Qorti jista' ikollha xi dubbju dwar l-involviment ta' terzi estranji. Li l-appellant kellu aċċess għall-fond *de quo* huwa kkonfermat anki mir-ritratti li ġew eżebiti in atti minnu stess waqt li kien qed isir il-kontro-eżami tal-*parte ċivile* u li jindikaw l-istat ħażin li fiha tinstab din il-proprjeta', ghalkemm ma ingiebet l-ebda prova dwar min ha ir-ritratti u meta. Kwindi din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi kien l-appellant li b'att volut u pozittiv waqqaf l-access ghal fond mertu ta' din il-vertenza sabiex martu li ghandha n-nofs indiviz ta' dan il-fond ma setatx aktar taccedi ghall-istess biex b'hekk twieled dan l-istat anti guridiku.

---

[7] Il-Pulizija vs Georgina Gauci – App.Inf. 07/01/1998

Għall-bqija jidher li r-rimanenti elementi tar-reat ta' raggion fattasi m'humiex qed jiġu kkontestati mill-appellant u konsegwentement il-ħtija tal-appellant ser tiġi kkonfermata minn din il-Qorti.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata bit-termini indikati fl-imsemmija sentenza jibdew jidekorru mil-lum.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur